

Brussell, 4 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6362/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0015(NLE)

RECH 52
ASIE 14

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-30 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja.
2. Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2020, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka eżamina l-proposta għat-tiġdid tal-Ftehim u ddeċieda li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
3. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-adozzjoni tat-tiġdid ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid ta' dan il-Ftehim, kif rivedut mill-ġuristi-lingwisti u jinsab fid-dokument 6104/20 RECH 36 ASIE 10 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.